MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1805/2003

**JZT Investments Company Limited**

**vs**

**Toys 'n' Kids Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm176.00) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici u li baqghet ma thallsitx. Is-socjeta' konvenuta baghtet zewg 'cheques' li ma gewx onorati.
Bl-imghax mill-1 ta' April 2003 u bl-ispejjes ta' ittra bonarja legali tas-6 ta' Awissu 2003.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra l-ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm176.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta’ konvenuta iskond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------